

Brussell, 26 ta' Awwissu 2020  
(OR. en)

10260/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0197(NLE)**

---

**BIH 13**  
**UD 143**

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 419 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 419 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 419 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.8.2020  
COM(2020) 419 final

2020/0197 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Bożnija-Herzegovina b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni li temenda l-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Bożnija-Herzegovina.

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim") għandu l-għan li jappoġġa l-isforzi tal-Bożnija-Herzegovina biex tlesti t-tranżizzjoni f'ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015.

#### 2.2. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 115 tal-Ftehim, jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 2 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 3 tal-Protokoll 2). Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn iż-żewġ Partijiet.

#### 2.3. L-att previst tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni irid jadotta Deċiżjoni rigward l-emenda tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 2 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ("l-att previst").

L-att previst għandu l-għan li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 2 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva.

L-att previst se jsir vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 117 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

### 3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni") tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini tal-oġġetti nnegożjati skont

---

<sup>1</sup> ĠU L 164 30.6.2015, p. 2

Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti. L-UE u l-Bożnija-Herzegovina ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011 u fl-24 ta' Settembru 2013 rispettivament.

L-UE u l-Bożnija-Herzegovina ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fis-26 ta' Settembru 2014 rispettivament. Bħala konsegwenza, b'applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-UE u l-Bożnija-Herzegovina fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Novembru 2014 rispettivament.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. Għal dak il-għan, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Herzegovina, min-naħa l-oħra, jenħtiegħ jadotta Deċizzjoni li tintroduċi r-regoli tal-Konvenzjoni skont il-Protokoll 2 b'rabta mad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva. Dan isir bl-introduzzjoni fil-Protokoll emendat ta' referenza għall-Konvenzjoni li se tagħmlu applikabbli.

Fl-istess ħin, il-proċess li għaddej biex tiġi emendata l-Konvenzjoni wassal għal sett ġdid ta' regoli tal-oriġini modernizzati u aktar flessibbli. L-emenda formali tal-Konvenzjoni teħtiegħ il-vot unanimu tal-Partijiet Kontraenti. Peress li għad fadal xi Partijiet Kontraenti li għandhom xi oġġezzjonijiet għall-emenda, hemm ir-riskju li l-adozzjoni tiddewwem. Minbarra dan, ma tistax tiġi stabbilita skeda ta' żmien ċara għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni emendata, minħabba l-għadd tal-Partijiet Kontraenti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom li huma meħtieġa li jkunu f'pożizzjoni li jivvutaw dwar l-adozzjoni formali u li jħejju d-dħul fis-seħħ tar-regoli emendati.

F'dan il-kuntest, il-Bożnija-Herzegovina talbet li tibda tapplika s-sett emendat ta' regoli mill-aktar fis possibbli, minflok ir-regoli attwali tal-Konvenzjoni, filwaqt li tistenna l-eżitu tal-proċess tal-emenda. Din it-talba hija spjegata hawn taħt.

Dawn ir-regoli tal-oriġini alternattivi huma maħsuba għall-applikazzjoni proviżorja, fuq bażi fakultattiva u bilaterali, mill-UE u mill-Bożnija-Herzegovina sakemm tiġi konkluża u tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni. Dawn huma maħsuba biex japplikaw minflok ir-regoli tal-Konvenzjoni, peress li dawn tal-aħħar huma stabbiliti mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti u fi ftehimiet bilaterali relatati oħra bejn il-Partijiet Kontraenti. Għaldaqstant, dawn ir-regoli mhux se jkunu obbligatorji iżda se jkunu jistgħu jiġu applikati b'mod fakultattiv mill-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jużaw preferenzi bbażati fuqhom, minflok preferenzi bbażati fuq il-Konvenzjoni. Dawn mhumiex maħsuba biex jimmodifikaw il-Konvenzjoni, li se tibqa' tapplika għall-Partijiet Kontraenti, u mhux se jbiddu d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Kontraenti skont il-Konvenzjoni.

Il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-UE fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jenħtiegħ li tiġi stabbilita mill-Kunsill.

L-emendi proposti sa fejn huma relatati mal-Konvenzjoni attwali għandhom natura teknika u ma jaffettwawx is-sustanza tal-Protokoll b'rabta mar-regoli tal-oriġini fis-seħħ bħalissa. Għalhekk dawn ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt.

### 3.1. Dettalji dwar ir-regoli tal-orìgini alternattivi

L-emendi proposti dwar l-introduzzjoni tas-sett alternattiv tar-regoli tal-orìgini jipprevedu flessibbiltajiet addizzjonali u elementi ta' modernizzazzjoni, li diġà ġew miftiehma mill-Unjoni fi ftehimiet bilaterali oħra (il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-UE u l-Kanada, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Vjetnam, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika) jew fi skemi preferenzjali (Sistema Ġeneralizzata tal-Preferenzi). Ir-riskji prinċipali huma dawn:

#### (a) Prodotti miksuba għalkollox – “il-kundizzjonijiet tal-bastimenti”:

L-hekk imsejħa kundizzjonijiet tal-bastimenti li jinsabu fis-sett alternattiv tar-regoli huma aktar sempliċi u jipprovdu aktar flessibbiltà. Meta mqabbla mat-test attwali (l-Artikolu 5), ċerti kundizzjonijiet tħassru (jiġifieri rekwiżiti speċifiċi tal-ekwipaġġ); oħrajn ġew emendati biex jipprovdu aktar rilassament (is-sjeda).

#### (b) Ħdim jew ipproċessar suffiċjenti – Bażi medja

Is-sett alternattiv tar-regoli propost (l-Artikolu 4) jagħti l-flessibbiltà lill-esportatur li jitlob awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet doganali biex jikkalkulaw il-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji fuq bażi medja biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-kostijiet u fir-rati tal-kambju. Dan għandu jagħti aktar prevedibbiltà lill-esportaturi.

#### (c) Tolleranza

It-tolleranza attwali (l-Artikolu 6) hi stabbilita għal 10 % fil-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

Għall-prodotti agrikoli, it-test propost (l-Artikolu 5) jipprevedi tolleranza ta' 15 % tal-piż nett tal-prodott, u għall-prodotti industrijali jipprevedi tolleranza ta' 15 % fil-valur tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

It-tolleranza fil-piż tintroduċi kriterju aktar oġġettiv u livell limitu ta' 15 % għandu jipprovdi livell ta' klemenza suffiċjenti. Din tiżgura wkoll li l-varjazzjonijiet internazzjonali fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi ma jħallux impatt fuq l-orìgini tal-prodotti agrikoli.

#### (d) Akkumulazzjoni

It-test propost (l-Artikolu 7) iżomm l-akkumulazzjoni dijagonali għall-prodotti kollha bil-kundizzjoni li jiġi aċċettat l-istess sett ta' regoli tal-orìgini alternattivi mis-sħab involuti fl-akkumulazzjoni. Barra minn hekk, dan jipprevedi akkumulazzjoni sħiħa ġeneralizzata għall-prodotti kollha għajr għat-tessuti u għall-ilbies elenkati fil-Kapitoli 50-63 tas-Sistema Armonizzata (SA).

Minbarra dan, għall-prodotti tal-Kapitoli 50-63 tas-SA, dan jipprevedi akkumulazzjoni sħiħa bilaterali. Fl-aħħar nett, l-Unjoni u l-Bożnija-Herzegovina se jkollhom l-għażla li jaqblu biex tiġi estiża l-akkumulazzjoni sħiħa ġeneralizzata wkoll għall-prodotti tal-Kapitoli 50-63 tas-SA.

(e) Segregazzjoni tal-kontabbiltà

Skont ir-regoli attwali (l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni), l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw segregazzjoni tal-kontabbiltà meta “jinqalgħu kostijiet jew diffikultajiet materjali konsiderevoli fiż-żamma ta’ stokkijiet separati”. Ir-regola emendata (l-Artikolu 12) tistipula li l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw is-segregazzjoni tal-kontabbiltà “jekk jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji”.

Meta jitlob awtorizzazzjoni għal segregazzjoni tal-kontabbiltà, esportatur mhux se jkollu aktar il-bżonn jiġġustifika li ż-żamma ta’ stokkijiet separati għandha kost konsiderevoli jew toħloq diffikultajiet materjali; se jkun biżżejjed li jindika li se jintużaw materjali funġibbli.

Fil-każ taz-zokkor, peress li hu materjal jew prodott finali, l-istokkijiet oriġinarji u mhux oriġinarji mhux se jibqgħu jinżammu separati fiżikament.

(f) Prinċipju tat-territorjalità

Ir-regoli attwali (l-Artikolu 12) jippermettu li ċertu xogħol jew ipproċessar isir barra mit-territorju skont ċerti kundizzjonijiet, għajr għall-prodotti tal-Kapitoli 50-63 tas-Sistema Armonizzata, bħat-tessuti. Ir-regoli proposti (l-Artikolu 12) ma għadhomx jinkludu l-esklużjoni għat-tessuti.

(g) Nonalterazzjoni

Ir-regola tan-nonalterazzjoni proposta (l-Artikolu 14) tipprevedi aktar klemenza dwar il-moviment tal-prodotti oriġinarji bejn il-Partijiet Kontraenti. Jenħtieġ tevita sitwazzjonijiet fejn prodotti, li għalihom ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-istatus oriġinarju tagħhom, jiġu esklużi mill-benefiċċju tar-rata preferenzjali waqt l-importazzjoni għax ir-rekwiżiti formali tad-dispożizzjoni tat-trasport dirett ma jiġux issodisfati.

(h) Projbizzjoni tar-restituzzjoni tad-dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

Skont ir-regoli attwali (l-Artikolu 15), il-prinċipju ġenerali tal-projbizzjoni tar-restituzzjoni japplika għall-materjali użati fil-manifattura ta’ kwalunkwe prodott. Bir-regoli proposti (l-Artikolu 16) titneħħa l-projbizzjoni għall-prodotti kollha, għajr għall-materjali użati fil-manifattura ta’ prodotti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitoli 50-63 tas-Sistema Armonizzata. Madankollu, it-test jipprevedi wkoll xi eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tar-restituzzjoni tad-dazju għal dawn il-prodotti.

(i) Prova tal-orijini

It-test jintroduċi tip wieħed ta’ prova tal-orijini (ċertifikat EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-orijini) minflok l-approċċ doppju EUR 1 u EUR.MED, u b’hekk jissimplifika sostanzjalment is-sistema. Dan mistenni jtejjeb il-konformità mill-operaturi ekonomiċi billi jevita l-iżbalji minħabba regoli kumplessi, u jiffaċilita l-ġestjoni min-naħa tal-awtoritajiet doganali. Barra minn hekk, dan ma jaffettwax il-kapaċità tal-verifika tal-provi tal-orijini, li tibqa’ l-istess.

Ir-regoli emendati (l-Artikolu 17) jinkludu wkoll l-alternattiva ta’ qbil dwar l-applikazzjoni ta’ sistema ta’ esportaturi rreġistrati (REX). Dawn l-esportaturi rreġistrati f’bażi tad-*data* komuni se jkunu responsabbli biex jagħmlu dikjarazzjonijiet huma stess dwar l-orijini mingħajr ma jgħaddu mill-proċedura tal-esportaturi approvati. Id-dikjarazzjoni tal-orijini jkollha l-istess valur ġuridiku bħad-dikjarazzjoni tal-orijini jew iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

Barra minn hekk, ir-regoli emendati jipprevedu l-alternattiva ta' qbil dwar l-użu tal-prova tal-oriġini li tinħareġ u/jew tiġi ppreżentata b'mod elettroniku.

Biex ikunu jistgħu jiddistingwu l-prodotti oriġinarji skont is-sett alternattiv tar-regoli mill-prodotti oriġinarji skont il-Konvenzjoni, iċ-ċertifikati tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura bbażati fuq is-sett alternattiv tar-regoli jridu jinkludu dikjarazzjoni li tindika r-regoli applikati.

(j) Validità tal-prova tal-oriġini

Qed jiġi propost li jiġi estiż il-perjodu tal-validità ta' prova tal-oriġini minn erbgħa (4) għal għaxar (10) xhur. Mill-ġdid, jenħtieġ tipprovdi aktar klemenza dwar il-moviment għall-prodotti oriġinarji bejn il-Partijiet.

### **3.2. Regoli tal-lista**

#### *3.2.1. Prodotti agrikoli*

(a) Valur u piż

Il-limitu tal-materjali mhux oriġinarji ġie espress biss fil-valur. Il-livelli limiti l-ġodda ġew espressi bħala piż biex tkun evitata l-varjazzjoni fil-prezzijiet u fir-rata tal-kambju (eż. l-ex Kapitoli 19, 20, 2105, 2106) flimkien ma' tneħħija ta' ċertu limitu għaz-zokkor (eż. il-Kapitolu 8 jew is-SA 2202).

Is-sett alternattiv tar-regoli għolla l-livell limitu tal-piż (minn 20 % għal 40 %) u l-possibbiltà li xi intestaturi jużaw valur jew piż ta' għażla alternattiva. Il-Kapitoli u l-intestaturi tas-SA ikkonċernati mill-bidla huma b'mod partikolari: ex-1302, 1704 (piż jew valur ta' regola alternattiva), 18 (1806: piż jew valur ta' regola alternattiva), 1901.

(b) Adattament għax-xejriet tal-akkwist

Prodotti agrikoli oħra (jiġifieri ż-żjut veġetali, il-ġewż, it-tabakk) għandhom regoli aktar flessibbli adattati għar-realtà ekonomika b'mod partikolari għall-Kapitoli 14, 15, 20 (inkluż l-intestatura 2008), 23, 24 tas-SA. Is-sett alternattiv tar-regoli jikseb bilanċ bejn is-sorsi reġjonali u dawk globali bħal għall-Kapitoli 9 u 12. Ir-regoli ġew simplifikati (inqas eċċezzjonijiet) fil-Kapitoli 4, 5, 6, 8, 11, ex-13.

#### *3.2.2. Prodotti industrijali (għajr it-tessuti)*

Il-kompromess propost jinkludi bidliet konsiderevoli meta mqabbel mar-regoli attwali:

- fir-rigward tal-għadd ta' prodotti, ir-regola attwali tal-Kapitolu fiha kundizzjoni kumulattiva doppja. Din saret kundizzjoni waħda (il-Kapitoli 74, 75, 76, 78 u 79 tas-SA);

- tħassar għadd kbir ta' regoli speċifiċi li qed jidderogaw mir-regola tal-Kapitolu (il-Kapitoli 28, 35, 37, 38 u 83 tas-SA). Dan l-approċċ aktar orizzontali johlq ambjent aktar sempliċi għall-operaturi u għad-dwana;

- l-inklużjoni ta' regola alternattiva fir-regola attwali tal-Kapitolu, li toffri għażla akbar lill-esportatur biex jissodisfa l-kriterju tal-oriġini (il-Kapitoli 27, 40, 42, 44, 70 u 83, 84 u 85).

Dawn il-bidliet kollha joħlqu regoli tal-lista aġġornati u mmodernizzati li b'mod ġenerali jagħmluha eħfef biex jiġi ssodisfat il-kriterju li jinkiseb l-istatus tal-orijini ta' prodott. Barra minn hekk, il-possibbiltà msemmija hawn fuq li tintuża bażi medja fuq perjodu taż-żmien għall-kalkolu tal-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-prodotti mhux oriġinarji se tipprovdi aktar simplifikazzjoni għall-esportaturi.

### 3.2.3. *Tessuti*

Fir-rigward tat-tessuti u tal-ilbies, ġew introdotti alternattivi ġodda fir-rigward tal-ipproċessar passiv u t-tolleranzi. Ġew introdotti wkoll proċessi ġodda għall-ġhoti tal-orijini għal dawn il-prodotti, speċjalment għat-tessut li se jsir disponibbli aktar faċilment. Fl-aħħar nett, l-akkumulazzjoni sħiħa bilaterali se tapplika wkoll għal dawn il-prodotti. B'din l-akkumulazzjoni, l-ipproċessar li jsir fuq il-materjali tessili (jiġifieri l-insiġ, it-tidwir eċċ.) se jkun jista' jitqies fil-proċess tal-produzzjoni fiż-żona tal-akkumulazzjoni.

## 4. **BAŻI ĠURIDIKA**

### 4.1. **Bażi ġuridika proċedurali**

#### 4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi Deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*<sup>2</sup>.

#### 4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 117 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>2</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.



## **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## **5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-emendi proposti relatati mal-introduzzjoni tas-sett alternattiv tar-regoli tal-orġini huma bbażati fuq prinċipju ta' modernizzazzjoni tar-regoli tal-orġini sabiex jiġu allinjati max-xejriet il-ġodda stabbiliti mill-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles reċenti. Ir-regoli emendati fil-Konvenzjoni PEM fihom, fil-biċċa l-kbira, elementi ta' simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali u elementi ta' modernizzazzjoni, bħal:

Ħdim jew ipproċessar suffiċjenti – Bażi medja: billi jiġi kkalkulat il-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji fuq bażi medja b'kunsiderazzjoni tal-fluttwazzjonijiet tas-suq, jipprovdli lill-esportaturi b'aktar prevedibbiltà,

Prova tal-orġini: hija soġġetta għal simplifikazzjoni peress li se jintuża biss ċertifikat wieħed tat-tip tal-orġini – EUR1,

Validità ta' prova tal-orġini: tipprevedi aktar klemenza b'rabta mal-moviment ta' prodotti oriġinarji, billi żżid il-validità minn erbgħa (4) xhur għal għaxar (10) xhur.

Dawn l-emendi għall-Konvenzjoni PEM ma għandhomx impatt li jista' jitkejjel fuq il-baġit tal-UE peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jikkonċerna prinċipalment il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-konsolidazzjoni ta' Prattiki moderni mill-awtoritajiet doganali. Jipprevedu faċilitazzjoni fakultattiva fl-oqsma li jibqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet mingħajr ma jkollhom impatt fuq is-sustanza tar-regoli (segregazzjoni tal-kontabbiltà, provi tal-orġini, teħid ta' medja). Uħud mill-aspetti tas-simplifikazzjoni (bħat-tnaqqis tal-kriterji tal-bastimenti) jipprevedu aktar prevedibbiltà billi jneħħu l-kundizzjonijiet li bħalissa huma diffiċli biex jiġu kkontrollati mill-awtoritajiet doganali filwaqt li oħrajn (nonalterazzjoni) jirreferu għal-loġistika mingħajr ma jaffettwaw is-sustanza tar-regoli.

Għalkemm id-dispożizzjonijiet dwar ir-restituzzjoni tad-dazju huma emendati, il-projbizzjoni tar-restituzzjoni tad-dazju tinżamm fis-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li jibqa' wieħed mis-

setturi ewlenin tal-kummerċ fiż-żona PEM. Ir-regoli emendati jikkodifikaw l-istatus quo billi jżommu fis-seħħ il-projbizzjoni li bħalissa qed tiġi applikata ma' xi Partijiet Kontraenti. Il-ġeneralizzazzjoni proposta ta' akkumulazzjoni sħiħa fiż-żona PEM għandha l-għan li ssaħħaħ ix-xejriet kummerċjali eżistenti fiż-żona u l-kumplimentarjetà tagħhom, iżda ma għandhiex taffettwa b' mod sinifikanti d-dazji doganali tal-UE miġbura peress li l-prodotti soġġetti għall-akkumulazzjoni se jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżit tagħhom stess ta' valur miżjud fiż-żona sabiex jibbenefikaw minn preferenzi, kif inhu l-każ bħalissa.

L-emendi għar-regoli tal-lista fis-settur tal-prodotti agrikoli u l-prodotti agrikoli pproċessati jikkonsistu prinċipalment minn metodoloġija adattata mingħajr ma tiġi affettwata s-sustanza tar-regoli. Il-livelli limiti eżistenti attwalment espressi f'valuri se jiġu espressi f'piżijiet. Dan il-kriterju huwa aktar oġġettiv u aktar faċli biex jiġi kkontrollat mill-awtoritajiet doganali. Is-simplifikazzjoni tar-regoli speċifiċi għall-prodott għall-prodotti industrijali hija mistennija li jkollha impatt limitat fuq id-dħul mid-dazji doganali, peress li f'ħafna każijiet dawn jistgħu jwasslu għal aktar bidliet fl-akkwist milli f'żidiet fl-importazzjonijiet preferenzjali mill-pajjiżi tal-PEM li jissostitwixxu l-importazzjonijiet li qabel kienu soġġetti għal dazji tal-importazzjoni. Għalhekk, l-impatt ta' dawk il-bidliet fuq id-dħul tad-dazju tal-importazzjoni mhux kwantifikabbli. F'termini ta' kummerċ u tal-impatt tiegħu fuq l-użu tal-preferenzi, ir-rilassamenti previsti fir-regoli l-ġodda jenfasizzaw l-integrazzjoni ekonomika fiż-żona kollha, pereżempju fis-settur tat-tessuti fejn l-użu tal-preferenzi diġà huwa għoli ħafna. Ir-regoli mtejba dwar it-tessuti u l-akkumulazzjoni huma prinċipalment maħsuba biex isaħħu l-integrazzjoni reġjonali diġà eżistenti u d-disponibbiltà tal-materjali fiż-żona, aktar milli biex jippermettu li jiġu importati aktar materjali mhux oriġinarji minn barra ż-żona.

## **6. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Billi l-att tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni se jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 2 ta' dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

### **IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għe konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/998<sup>1</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015.
- (2) Il-Ftehim jinkludi l-Protokoll 2 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva. Skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Protokoll, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 115 tal-Ftehim ("il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni") jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu.
- (3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni jrid jadotta Deċiżjoni dwar emenda tal-Protokoll 2.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għaliex id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2015 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (ĠU L 164 30.6.2015, p. 548).

- (5) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orìġini pan-Ewro-Mediterranji (“il-Konvenzjoni”) ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/93/UE<sup>1</sup> u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta’ Mejju 2012. Din tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orìġini tal-oġġetti nnegozjati skont Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti, li japplikaw mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f’dawk il-Ftehimiet.
- (6) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti trid tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b’mod effettiv. Għal dak l-għan, il-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni jenhtiegħ jadotta Deċiżjoni li tintroduċi referenza għall-Konvenzjoni fil-Protokoll 2 tal-Ftehim.
- (7) Id-diskussjonijiet dwar l-emenda tal-Konvenzjoni wasslu għal sett ġdid ta’ regoli tal-orìġini iżjed moderni u iżjed flessibbli li jridu jiġu inkorporati fil-Konvenzjoni. L-Unjoni u l-Bożnija-Herzegovina wrew ir-rieda tagħhom li japplikaw ir-regoli l-ġodda b’mod bilaterali malajr kemm jista’ jkun, fuq bażi alternattiva flimkien mar-regoli attwali sakemm ikun hemm eżitu għall-proċess tal-emenda.
- (8) Fiż-żona tal-akkumulazzjoni kostitwita mill-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni Ewropea, it-Turkija, il-parteċipanti fil-Proċess ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna, jenhtiegħ li tinżamm il-possibbiltà li jintużaw iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-orìġini minflok iċ-ċertifikati EUR-MED jew id-dikjarazzjoni tal-orìġini EUR-MED bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fil-każ ta’ akkumulazzjoni dijagonali fost dawn is-sħab,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tal-att tal-Kunsill ta’ Stabbilizzazzjoni u ta’ Assoċjazzjoni meħmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/93/UE tal-14 ta’ April 2011 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-orìġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4).

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*